MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 171/2011

A B C

vs

L-Avukat Dottor Joseph Ellis u il-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-5 ta' Lulju, 2011 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D E F

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju elfejn u tmienja (2008) f'Morelia Civil Registry Michoacan, Messiku u liema zwieg gie debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 1816/2008 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A";

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhom ebda tfal;
3. Illi effettivament dan iz-zwieg dam biss sitt (6) xhur ghax fil-fatt l-intimata abbandunat ghal kollox lir-rikorrenti, li ilu ma jisma' minnha minn mindu abbandunatu u cioe' madwar sentejn u nofs (2 ½) ilu;
4. Illi b'kollox, qabel ma zzewweg, ir-rikorrenti kien ilu jaf lill-intimata ghal madwar sena u nofs (1 ½) mil-liema zmien 6 xhur minnhom ma kienux fl-istess pajjiz;
5. Illi ir-rikorrent u l-intimata kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn imma biss biex l-intimata ta' nazzjonalita' Messikana tkun tista tibqa' Malta;
6. Illi r-rikorrenti kienu rrealizzaw mal-ewwel li ma kienux lesti li jghixu hajja mizzewga ma xulxin;
7. Illi l-kunsens tal-partijiet inghata bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan inter alia ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-kaz ta' l-intimata zzewget lir-rikorrent mhux ghax kienet thobbu imma ghax riedet tibqa' Malta billi skadiet il-VISA u dan kif ser jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
8. Illi di piu' omm l-intimata certa Maria Elena kienet ghamlet kundizzjoni fuq ir-rikorrent li biex jerga' jara lil bintha kellu dan jizzewigha;
9. Illi l-partijiet kienu ftehmu li ma jkollhomx tfal minhabba c-cirkostanzi li fihom izzewgu;
10. Illi fil-fatt dan iz-zwieg ma giex ccelebrat bir-rit kattoliku u dan biex ma jkunx hemm aktar kumplikazzjonijiet;
11. Illi inoltre fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat inter alia b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija psikolgoka serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
12. Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta Lulju elfejn u

tmienja (2008) f'Morelia Civil Registry Michoacan, Messiku huwa null u bla effett fil-ligi;

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju (2008) f'Morelia Civil Registry Michoacan, Messiku huwa null u bla effett u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li in forza taghha huma eccepew;

1. Fl-ewwel lok, l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kap. 12 stante illi si tratta minn zwieg li sar fil-Messiku ma cittadina Messikana li hija assenti minn dawna l-Gzejjer;
2. Fit-tieni lok, ir-registrazzjoni taz-zwieg de quo fir-Registru Pubbliku ta' Malta erbat ijiem qabel ma giet intavolata dina l-kawza hija irritwali u m'ghandha l-ebda bazi fil-ligi;
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D E F m'humiex presentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-dokumenti li gew prodotti, l-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment, limitatament dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati;

Rat illi l-kuraturi deputati irtiraw it-tieni eccezzjoni taghhom permezz ta’ nota fit-22 ta’ Gunju 2012 u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-tieni eccezzjoni;

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-14 ta’ Dicembru 2012;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumeti illi gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet tal-25 ta’ Lulju 2008[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

**Il-verzjoni tal-attur**

L-attur jghid li ltaqa' mal-intimata assenti meta kienet hawn Malta tistudja l-ingliz fix-xhur tas-sajf 2006. Hi kellha ghoxrin sena filwaqt li l-attur kien akbar minnha ghaxar snin. Bdew johorgu flimkien xi tlett xhur qabel ma fattwalment kellha tirritorna lura lejn pajjizha u cioe' l-Messiku. Ghalkemm kellhom problemi ta' komunikazzjoni bejniethom minhabba l-lingwa, l-attur anke ghax beda jitghallem l-ispanjol, gie infurmat mill-intimata li riedet terga' tigi lura Malta ghaliex hdejn pajjizha, Malta genna tal-art. Meta marret lura lejn pajjizha, l-attur mill-ewwel segwiha f'pajjizha ghax ried ikun jaf minn fejn kienet gejja u ried jiltaqa' mal-familja taghha. kif wasal fil-villagg taghha, ha *culture shock* minhabba l-faqar li ra. Wara xahrejn gewwa l-Messiku, l-intimata giet lura Malta mal-attur fejn qattghet xahrejn ohra hawn Malta. Kien ta'

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process

inkonvenjent ghaliha li toqghod gejja u sejra minn Malta ghall-Messiku kull tlett xhur u ghalkemm kien ihallas kollox l-attur (ghaliex l-intimata ma setghetx), bdiet tghidlu li ma kienitx ser tigi lura tant li sahansitra qaltlu li jekk ma jizzewwighiex, kienet ser titlaq lejn il-Messiku u ma tergax tirritorna. Ghalkemm jghid li kien ihobbha, ma kienx ghadu haseb fuq zwieg peress li kienu ilhom flimkien ghal zmien qasir. Jiddiskrivi dan iz-zmien bhala zmien fejn kien min-naha ma riedx li titlaq lejn pajjizha u ma jergax jaraha u min-naha l-ohra, ma kienx lest li jidhol ghaz-zwieg. Min-naha taghha l-intimata bdiet taghmel pressjoni kbira tant li sahansitra kienet taghmel granet ma tkellmux ghax riedet li tizzewweg. L-attur jghid li dwar din is-sitwazzjoni kien fetah qalbu ma' shabu li lkoll qalulu li la ma kienx lest ghal dan il-pass, ma kellux jizzewweg. L-attur jghid li ha l-parir ta' shabu u informaha li ma kienx lest li jizzewweg. L-intimata hadet din id-decizjoni hazin tant li qabdet, ippakkjat u telqet. Kien f'dan iz-zmien li hu skopra li kellha visa valida bil-mohbi tieghu.

Mal-wasla taghha gewwa l-Messiku, l-attur jircievi telefonata minghand ommha fejn din infurmatu li jekk ma kienx ser jizzewwigha, l-intimata ma kienetx ser terga' tigi lura Malta. L-attur prova jispjegalha li kien kmieni wisq ghaz-zwieg pero' jidher li ommha ma rieditx taf b'dan id-diskors. Wara xahrejn ta' silenzju ghaliex l-intimata ma bdietx tirrispondi, l-attur tela' l-Messiku minghajr ma l-intimata kienet taf li sejjer. X'hin fethet il-bieb, l-attur stqarr maghha li ried ikun maghha u hi regghet affermat li kellhom jizzewgu. L-attur hass li ma kellu ebda ghazla ohra u ghalhekk accetta ghax wara kollox kien mar il-Messiku biex jaccerta ruhu li ma jitlifhiex. Fi kliem l-istess attur, "***accettajt ir-rikatt taghha li nizzewwigha minkejja li jien din il-haga ma xtaqthiex f'dak il-mument***".

Fi zmien tlett gimghat, l-attur kien izzewweg lill-intimata assenti. Tant sehh kollox ta' malajr li l-attur lanqas lill-ġenituri tieghu ma qal li kien ser jizzewweg. Saret cerimonja zghira, wara liema omm l-intimata qaltlu li issa seta' jiehu lil bintha Malta kif fil-fatt sar. Mal-wasla taghha Malta, l-intimata bdiet turi hafna interess sabiex ikollha d-dokumentazzjoni taghha f'postha halli tkun tista' tibqa'

hawn Malta minghajr problemi. Ommha kienet iccempel kull jum biex tara fhiex kienu waslu l-proceduri tad-dokumentazzjoni. Kienu rregistraw iz-zwieg taghhom, liema process xejn ma kien facli peress li l-enkartament ried jigi minn barra. Hekk kif iz-zwieg taghhom gie registrat f'Malta wara hames xhur miz-zwieg, l-intimata minflok ma dehret ferhana, qalet lill-attur li kienet qed thossha konfinata hawn Malta u li riedet tmur tistudja gewwa l-Messiku ghaliex ma kellhiex ic-cittadinanza Maltija. L-attur jghid li l-holma kerha li riedet titlaq lura regghet fegget. Omm l-intimata regghet kellmet lill-attur u qaltlu kliem fis-sens li jekk verament ihobbha, kellu jhalliha tmur lura gewwa l-Messiku sabiex tistudja hemm ghal tlett snin. Bdiet tagixxi ta' mara *home-sick* u f'dawn ic-cirkustanzi, l-attur iddecieda li jixtri biljett tal-ajru lill-intimata bil-pjan li terga' tigi lura wara xahar wara li tibda thossha ahjar. Kif telqet lura lejn pajjizha, l-intimata waqfet it-telefonati u wara tlett gimghat infurmat lill-attur li ma kellha ebda hsieb terga' tigi lura Malta. Wara din it-telefonata, qatt ma rega' sema` b'ahbar l-istess intimata. Jaghlaq billi jghid li maz-zmien irrealizza li fil-verita' l-intimata kull ma riedet kien passaport Ewropew biex tiehu d-drittijiet ta' cittadina ewropea u xejn aktar.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Din il-qorti tirrileva li apparti x-xhieda tar-rikorrent, l-unika persuna li tat ix-xhieda taghha hija omm ir-rikorrent, Marcelle Zammit[2]. Hi tghid li r-relazzjoni ta’ binha mal-intimata mill-ewwel dehret li kien hemm xi haga li ma tinkwadrax. Tghid li setghet timmagina li kien binha li qed ihallsilha ghal kollox u li hasset li kienet xi ftit jew wisq opportunista. Binha kien lest li jaghmel kollox ghaliha izda tghid li kienet thoss li l-agir taghha kien esagerat (meta tirreferi ghall-fatt li kienet tkun dejjem imdendla mieghu) u kien ghalhekk li kienet tghidlu li l-intimata trid tahdmu ghaliex kienet tinnota li meta kienet tkun trid xi haga, kienet toqghod tghidlu kemm thobbu u tbusu bhal li kieku riedet tixtrih bil-bews.

---

[2] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 34 tal-process

Tghid li meta binha ried imur il-Messiku, hi kienet kuntenta li sejjer jara minn fejn hi gejja. Tghid li l-ewwel darba li ssemma z-zwieg kien meta l-intimata kien qed ikollha tirritorna lura lejn pajjizha wara ftit xhur li tkun hawn Malta. Dawn il-vjaggi kollha kien qed jaghmel tajjeb ghalihom binha. Izzid tghid ukoll li sabitha stramba ferm kif l-ewwel darba li ssemma z-zwieg, binha kien hawn Malta filwaqt li l-intimata kienet f'pajjzha, gewwa l-Messiku. Xejn ma qablet ma' din l-idea u wissietu li l-kondizzjoni li kienet qed taghmel ommha b'konnessjoni taz-zwieg (u cioe' li ma tinzilx qabel ma jkun sar zwieg) ma kienitx wahda ragonevoli. Tiddiskrivi l-hsieb jew ahjar il-kondizzjoni taz-zwieg bhal xi deal b'ommha tagixxi ta' agent. Binha kien ghami u kien lest li jaghmel dan il-pass b'din il-kondizzjoni. Ix-xhud kienet allarmata hafna, specjalment meta qallha li kien sejjer il-Messiku biex jizzewwigha. Minkejja li ma kienitx taqbel ma' din id-decizjoni, riedet tkun prezenti ghac-cerimonja tat-tieg tant li kienet irrangat biex titla' sakemm binha stess infurmaha li l-intimata ma ridithiex hemm. Kien f'dan il-punt li kkonfermat li l-intimata riedet timmanipulah u li hasbet li ommu kienet ser tkun ta' xkiel ghaliha u ghall-pjan li kellha. Sar iz-zwieg hekk kif binha mar il-Messiku u dan sehh meta l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin ghal sitt xhur biss. Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li kienet indunat li l-intimata kellha pjan u li ma riditx serjeta'. Tikkonferma li wara li abbandunat lil binha, qatt ma rega' kien hemm komunikazzjoni bejniethom.

**<u>Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

Din il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, partikolarment il-kwistjoni tal-Visa tal-intimata u li r-rikorrent kien qed isibha difficli biex joqghod jibghat lill-intimata lura lejn pajjizha a spejjez tieghu, jirrizulta bl-aktar mod car li l-unika hsieb wara dan iz-zwieg kien biss il-kumdita' jew ahjar il-konvenjenza tal-fatt li l-intimata setghet tibqa' hawn Malta minghajr ma jkollha ghalfejn tirritorna lejn pajjizha wara ftit

tax-xhur. Din kienet ir-raguni principali ghala r-rikorrent ghazel li jizzewweg (apparti l-fatt li ommha ghamlet pressjoni wkoll biex dan isir). Il-fatt li z-zwieg sar fi zmien qasir hafna, precizament fi zmien sitt xhur minn mindu ltaqghu ikompli juri kemm kollox sar ta’ malajr u bla hsieb ta’ xejn. Basta tissolva l-kwistjoni tal-visa.

**Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg**

Din il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

Din il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament provat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F’dan il-kuntest terga’ ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***”.

Din il-qorti tirrileva, li l-unika prova jew ghall-anqas hjiel fuq l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument propizju tal-kunsens hija tar-rikorrent meta jghid li ceda ghar-rikatt u ddecieda li jizzewweg pero’ minkejja tali dikjarazzjoni, ma tezisti ebda prova li l-kunsens ta’ xi wiehed jew wahda mill-partijiet kien vizzjat b’simulazzjoni. Din il-qorti mhix konvinta li l-

kunsens tar-rikorrent (ghax ried isolvi l-problema relatata mal-visa tal-intimata) kien vizzjat b’simulazzjoni u dan anke in vista tal-fatt li ommu tghid li kien mignun warajha. Il-fatt li ried jizzewwigha biex isolvi problema mhux prova ta’ simulazzjoni, izda se mai prova tal-immaturita’ u nuqqas ta’ diskrezzjoni kif spjegat aktar ‘il fuq. M’hemm ebda indikazzjoni ohra li twassal lil din il-qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------